MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 136/2014

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Grixti Diego K.I. 590685(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf, mitejn u ħamsa u tletin Ewro u ħames ċenteżmi (€1235.05), – liema ammont huwa in konnessjoni ma' Laptop Connect bl-akkont numru *A/C* 50963203, u li jinkludi Lenovo S10 u internet key Bandluxe C270, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

L-ammont mitlub jinkludi l-penalitajiet għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt, liema kuntratt huwa ddatat 11 ta' Settembru 2009.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal qiegħed jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ elf, mitejn u ħamsa u tletin Ewro u ħames ċenteżmi (€1235.05), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal- ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fil-21 ta’ Diċembru 2010 u numerata 4847/10, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------